360°

FUNDING360.EU

## Funding 360° - sit interattiv għal tagħrif dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropea

L-aċċess għall-informazzjoni dwar il-programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea hu l-ewwel pass sabiex individwi, entitajiet u organizzazzjonijiet jibbenefikaw mid-diversi opportunitajiet ta' fondi li jeżistu.

Għalhekk, il-MEUSAC Żviluppa s-sit www.funding360.eu bħala mezz biex jagħti informazzjoni li tkun aċċessibbli għal kulħadd. F'dan is-sit wieħed jista' jaqra numru ta' artikli fuq id-diversi tipi ta' programmi ta' fondi kif ukoll informazzjoni fuq aspetti oħra relatati mal-proċess tal-applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja bħal:

- Kunċetti li huma komuni għal kull fond
- Proġetti li ġew implimentati lokalment kif ukoll barra minn Malta
- Laqgħat u seminars dwar il-fondi tal-UE

Il-MEUSAC għandu wkoll sistema ta' web alerts li jintbagħtu lil min ikun irreġistra għas-servizz b'dettalji dwar organizzazzjonijiet li jkunu qed iffitxu msieħba għall-proġetti tagħhom, kif ukoll programmi ta' fondi li jkunu għadhom kemm ġew imnedija.

Funding 360° tista' tinqara fuq www.funding360.eu

Tista' tirreġistra għas-servizz ta' web alerts fuq alerts@funding360.eu biex tirċievi l-informazzjoni b'mod dirett.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt